# Il-Ġardina tal-Knisja

*minn Toni Calleja*

Għalqa ċkejkna, daqsxejn ta' ġardina, fil-ġenb tal-knisja parrokkjali. Fi tfuliti kienet imdawra b'ħajt tas-sejjieħ, ta' ċirka żewġ metri għoli, mibni bl-iżmarratur ta' wara l-imterqa, li ħareġ mill-irkaptu u mill-inġara, waqt il-kors tal-bini tal-knisja l-ġdida. Il-gardina kienet tingħalaq b'bieba tal-injam. Din il-biċċa raba' kienet imħollija lill-knisja minn Salvu Gambin (*tal-Vargott:* 1858-1939) bil-piż ta' Quddiesa Solenni, kantata u bil-priedka, fil-festa ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, annwalment u inperpetwu li riedet titqaddes fuq l-artal tal-imsemmija qaddisa mwaqqaf fil-knisja parrokkjali tal-Għasri – l-uniku wieħed b'dan it-titular f'Għawdex.[1]

Oriġinarjament din l-art kienet tifforma parti minn raba' ferm ikbar mill-Benefizzju ta' Godlien. Fl-1903 din l-art ġiet miksuba minn Salvu Gambin mingħand l-Isqof Salvatore Gaffiero, rettur tal-benefizzju msemmi, bi bdil ma' xi raba' ieħor bl-iskop li fuqu tinbena l-knisja l-ġdida.[2] Wara li nbniet il-knisja, l-art li kien fadal – wara battalja legali qalila[3]– reġgħet għaddiet għand Salvu Gambin kif wara kollox kien miftiehem minn qabel.

Fil-bidu tas-snin sittinijiet tas-seklu għoxrin, parti minn dil-ġardina ġiet espropprijata mill-Gvern biex setgħet titwessa' Triq il-Fanal. Fl-1975, l-imsemmija ġardina kienet irranġata bi spejjeż il-parroċċa biex allura ħadet il-forma u s-sura li għandha llum: *"L-għalqa ta' ħdejn il-Knisja li qegħdin nirranġaw bħalissa se tintuża biex inkabbru l-ward fiha għall-użu tal-knisja"*.[4]

Illum f'din il-ġardina, fost l-oħrajn, insibu l-Monument tal-Ġublew tad-Deheb tal-Parroċċa u ħawt tal-ġebel li kien intiż biex iservi bħala Fonti tal-Magħmudija. Kien baqa' mhux komplut. Ix-xogħol kollu tal-ġebel; voldieri l-ħżuż, l-inġara, il-lavur u l-bidu tal-iskultura saru mill-imgħallem Karmnu Grech (*Tajjar taż-Żnajt:* 1882-1949) fuq bażi volontarja, naqra naqra nhar ta' Ħadd.[5] Nhar is-27 ta' Marzu 2009 fuq dal-ħawt tpoġġiet statwa ta' San Ġużepp. Din l-istatwa twaqqfet grazzi għal ċerta familja attiva fil-Parroċċa li offriet l-ispejjeż (€88) għall-akkwist tagħha. L-istatwa l-ġdida tbierket nhar l-1 ta' Mejju, solennità ta' San Ġużepp Ħaddiem, minn Mons. Salv Debrincat, Kanċellier tal-Kurja.

Iżejnu l-ġardina nsibu tliet siġriet: palma, żebbuġa u awrikarja. Il-palma hija magħrufa bħala l-*'Palma ta' Ġiġi'*. Dan għas-sempliċi raġuni li kienet mixtrija, imħallsa u mħawla minn Ġiġi Saliba (*ta' Wenza:* 1952-....). Inxtrat 75ċ (€1.75) mill-mixtla tal-Gvern nhar is-27 ta' Marzu 1986, u minnu wkoll imħawla, fl-4.30 p.m. tal-istess jum.[6] Manuskritt apokrifu miktub bil-grieg, intitulat "Ir-Raqda ta' Marija", aktarx tat-Tieni Seklu, u li huwa miżgħud bis-simboliżmu, għall-palma, fost l-oħrajn jgħid li hija identifikata mas-Siġra tal-Ħajja u l-Weraq tal-Palma li jfejjaq; simbolu tal-Ġudizzju u Rebħa; u simblu tal-Ġust u tal-Verġni".



Iż-żebbuġa u l-awrikarja tħawlu fi żmien il-parrokat ta' Dun Ġużepp Cini (1992-2003). Iż-żebbuġa ħawilha b'idejh hu stess bl-iskop ewlieni li għall-okkażjoni tal-Ġimgħa Imqaddsa, il-parroċċa tkun fornuta bil-friegħi taż-żebbuġ li jkollha bżonn u ma toqgħod tmur titkarrab għand ħadd. L-awrikarja hija tewmija mal-oħra li tinsab fil-ġardina tas-Sorijiet fejn hemm il-monument tal-Madonna Għajnuna tal-Insara. L-awrikarji, ta' xi tliet piedi tul il-waħda, tħawlu minn Eddielon Spiteri ta-Triq Salvu Gambin nhar it-13 ta' Marzu 1994, fil-11.30 a.m., fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Familja. L-idea tal-Kappillan Dun Ġużepp Cini li jħawwilhom fejn ħawwilhom kienet biex dawn iż-żewġ awrikarji jiġu jiffurmaw triangolu mal-awrikarja ta' Pjazza s-Salvatur; liema triangolu jkun jissimbolizza 'l **ALLA** li huwa l-perm u l-fus tal-familja nisranija, **IR-RAĠEL** u **L-MARA** – sieħba ugwali li jiffurmaw il-familja.

L-awrikarji li tħawlu *Wara l-Knisja* huma minn tal-Kappillan Dun Ġużepp Cini. Kien xtrahom xi seba' jew tmien snin aktar qabel miżrugħa ġo żewġ landi tal-kunserva bil- prezz ta' Lm3 (€6.99) l-waħda. Kabbarhom ħdejn Ta' Pinu, fil-*Ħanut ta' Wiża*, fejn kien jgħammar qabel ma, minn assistent tar-Rettur, sar Kappillan tal-Għasri. Fil-Milied tal-1992 u l-1993, dawn iż-żewġ awrikarji ntużaw bħala *Christmas Trees* fil-knisja; kienu rispettivament l-ewwel u l-aħħar darba li qatt intużaw *Christmas Trees* fil-knisja.

**Riferenzi:**


**1:** **A**[rkivju] **N**[utarili] **Għ**[awdex], testment tal-miżżewġin Salvu Gambin u Evanġelista mwielda Mercieca fl-Atti tan-Nutar Francesco Refalo tal-20 ta' April, 1939.

**2:** ANV[alletta], Att nru 73/1903; permuta tal-art fl-Atti tan-Nutar Pietro Xerri tal-31 ta' Jannar, 1903.

**3:** NAG, CG, 04/421 [Citazioni – Superiori Attribuire 1907] Vol 3, sentenza wara *f.* 100$^{r}$.

**4:** P[arroċċa] Għ[asr]i/Bullettin tal-Ħadd nru 31(344) tas-26 ta' Ottubru 1975.

**5:** Tagħrif minn Toni Grech (*ta' Tajjar:* 1916-2006) ta' Triq il-Wilġa, Għasri.

**6:** Djarju tal-Kappillan Dun Ġużepp Mintoff. Ara taħt id-data indikata.